**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' SETTEMBRU, 2002**

**Avviz Numru 1427/02AJD**
**Pater Finance Co. Limited**

**vs**

**Greta Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta'Gunju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrci is-somma ta' elf, tlett mija u tlett liri Maltin (1,303.00) rappresentanti import ta' seba' kambjali, wahda ta' Lm17.00 (bilanc), u sitta ta' Lm214.00 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 2001 sa Gunju 2002 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa7).

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2002 jammontaw ghal Lm25.00, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Frar 2002kontra l-konvenuta.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-llum fejn hija cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza izda zammet ferm il-kap tal-ispejjes u t-talba ghall-imghax.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lil konvenuta thallas l-ispejjes ta' din l-istanza kif ukoll l-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**